



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-463/16

**Stadion Amsterdam CV
vs
Staatssecretaris van Financiën**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 77/388/KEE – It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(3)(a) – Rata mnaqqsa ta’ VAT – Anness H, kategorija 7 – Provvista waħda komposta minn żewġ elementi distinti – Applikazzjoni selettiva ta’ rata mnaqqsa ta’ VAT għal wieħed minn dawn l-elementi – Żjara turistika bl-isem ta’ “World of Ajax” – Żjara l-mużew tal-AFC Ajax”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tat-18 ta’ Jannar 2018

Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw rata mnaqqsa għal ċerti kunsinni ta’ oġġetti u provvisti ta’ servizzi — Provvista waħda komposta minn żewġ elementi distinti, wieħed prinċipali u l-ieħor aċċessorju — Elementi li huma suġġetti għal rati differenti fil-każ ta’ provvista separata — Obbligu li tiġi applikata rata waħda ddeterminata skont l-element prinċipali — Possibbiltà ta’ identifikazzjoni tal-prezz li jikkorrispondi għal kull element distint — Assenza ta’ effett

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, kif emendata bid-Direttiva 2001/4, Artikolu 12(3)(a))

Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta’ Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta’ stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2001/4/KE, tad-19 ta’ Jannar 2001, għandha tiġi interpretata fis-sens li provvista waħda ta’ servizz, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, komposta minn żewġ elementi distinti, wieħed prinċipali, l-ieħor aċċessorju, li, kieku kellhom jingħataw b’mod separat, ikunu suġġetti għal rati differenti ta’ VAT, għandha tiġi ntaxxata b’rata unika ta’ VAT applikabbli għal din il-provvista waħda ddeterminata skont l-element prinċipali, u dan anki jekk il-prezz ta’ kull element li jiffurma l-prezz totali mħallas minn konsumatur bil-għan li jkun jista’ jibbenefika minn din il-provvista jista’ jiġi identifikat.

(ara l-punt 36 u d-dispożittiv)